TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NUMRU 2309

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3102/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Charmaine Scicluna Muxi (K.I. 1010585(M))

U

Spinola Development Company Limited

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 9 t'Ottubru 2014

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversement kompost, permezz ta' rikors dwar allegat tkeċċija inġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**PRELIMINARI**

Charmaine Scicluna Muxi kienet impjegata fuq bażi indefinita, full-time bħala Housekeeping Attendant ma' Spinola Development Company Ltd għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin. Nhar it-23 ta' Novembru, 2012 ir-rikorrenti ingħatat ittra li kienet qed tiġi sospiża għax kien hemm 'guest' li talab lura umbrella li ħalla fil-kamra wara li kien ivvakaha. Ir-rikorrenti ingħatat ittra oħra datata 27 ta' Novembru, 2012 fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha kien qed jiġi terminat bir-raġuni mogħtija. Ir-rikorrenti ċaħdet kwalunkwe allegazzjoni li hija ħadet xi oġġett magħha d-dar anzi l-kwistjoni kienet li fil-kamra kienet instabet umbrella wara li l-klijent ivvaka l-istess kamra. Ir-rikorrenti ħasbet li din l-umbrella kienu

ħallewha tal-gruppi u saqsiet lil kollega tagħha jekk riditx teħodha u fil-fatt kienet il-kollega tagħha li ħaditha d-dar. Din l-umbrella ġiet ritornata mill-kollega l-oħra, Marisa Zammit, u ingħatat lura lill-klijent. Ir-rikorrenti insistiet li dan l-inċident kien kollu frott ta' '*misunderstanding*' u l-aktar li setgħet tiġi akkużata r-rikorrenti seta' kien ksur ta' proċedura għaliex din l-umbrella ma ġietx imniżżla fil-lista tal-oġġetti misjuba. Ir-rikorrenti kkontendiet ukoll li dan kollu ma jikklassifikax bħala serq u ma timmeritax tkeċċija wara għaxar (10) snin ta' servizz speċjalment la r-rikorrenti qatt ma għaddiet minn xi proċeduri ta' dixxiplina jew kellha 'warnings'. Ftit ġranet wara, l-Kumpanija intimata ħarġet avviż għall-Part Time Housekeeping Attendants u minn dan ħareġ ċar li l-uniku intenzjoni tal-Kumpanija kienet illi teħles mill-impjegati tagħha 'full-time' biex iddaħħal impjegati 'part-time' li jitħallsu inqas. Ir-rikorrenti titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mal-kumpanija intimata kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrenti tiġi re-integrata f'xogħolha u titħallas kumpens ġust.

Il-kumpannija wieġbet illi l-appellanti ġiet imkeċċija għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi u dan wara li bi ksur tal-proċeduri u/jew għall-gwadann personali tagħha ma rritornatx u/jew żammet għandha proprjeta' ta' guest fil-lukanda. L-appellanti waqt ix-xogħol sabet umbrella proprjeta' ta' guest f'kamra li kienet qed titlesta wara li ġiet vakata u minflok mxiet mal-proċedura, l-ewwel żammet għandha u mbagħad tat l-istess umbrella lil ħabiba tagħha biex din tal-aħħar teħodha 'il barra, billi tat impressjoni lil din il-ħabiba li setgħet tagħmel dan u ghaldaqstant l-asserzjoniet tal-appellanti dwar il-motiv għat-tkeċċija ġew miċħudin.

**PROVI**

Sabrina Mifsud, executive housekeeper xehdet li Ms. Scicluna Muxi hi responsabbilita’ tagħha. Fil-21 ta' Novembru 2012 waħda mill-assistenti tagħha ġiet tispjegalha x'kien ġara fejn klijent kien qed ifittex oġġett li ħalla warajh. Ms. Mifsud spjegat li l-proċedura meta guest iħalli oġġett warajh hi li ma jitlaqx l-oġġett minn taħt idejh, jinżel l-uffiċċju tal-housekeeping jillogjaha, din tiġi llogjata bin-numru ta' fejn instabet jew il-lokalita', fi xħin, mingħand min, u din tiġi *sealed*, u jekk tkun ta' valur titpoġġa f'safe, jekk le tissakkar f' kamra. Din il-proċedura hija miktuba u x-xhud ippreżentat kopja tagħha. F’dan il-każ kellhom guest li irrapporta li nesa l-umbrella lil xi ħadd u xi ħaddieħor irrapporta lilha. Deborah Mifsud ġiet tgħid li hija diġa ċemplet lil Ms. Charmaine Muxi u saqsietha kinitx sabitha, u qaltilha li le ma nstabitx. Ix-xhud qalet li Deborah Mifsud kumbinazzjoni ħadet il-call mingħand din il-guest il-ġurnata ta' qabel u dehrilha li ratha din l-umbrella. Deborah Mifsud qalet lil Charmaine li rat l-umbrella fuq it-trolley tagħha pero` Charmaine qaltilha li ma kienx it-trolley tagħha. Deborah tatha l-benefiċċju tad-dubju u ċemplet lir-room attendant l-oħra (Josephine Attard) li kienet fuq l-istess sular. Deborah saqsiet lil Josephine jekk kelliex l-umbrella fuq it-trolley u Josephine qaltilha li dak it-trolley ma kienx tagħha. Ix-xhud Sabrina Mifsud qalet li kienet saqsiet lic-chief security biex tara c-CCTV camera biex tara kif ġraw l-affarijiet u x'jidher u x'ma jidhirx. Ic-CCTV footage rawh Sabrina u Joanne Bartolo (l-HR Administrator) u

Jason Bartolo (l-Assistant Security Manager). Ms. Mifsud qalet li fuq ic-CCTV rat lil Josephine Attard (waħda mir-room attendants) nieżla b'żewġ trolleys żgħar li mhumiex it-trolleys li r-room attendants ikunu qed inaddfu bihom imma oħrajn li jagħtuhom biex iniżżlu l-linen maħmuġ ġo fih u l-umbrella tidher ċara ħierġa minn ġo dan it-trolley. Qalet ukoll li rat lil Josephine Attard dieħla ġoċ-changing room b'dawn iż-żewġ trolleys u reġgħet ratha ħierġa b'trolley wieħed li kien it-trolley li ma kellux l-umbrella u baqgħet sejra go store room ieħor tal-house keeping. Ftit wara, raw lil Charmaine dieħla fic-changing room u imbagħad raw persuna ohra ħierġa minn ġoċ-changing room li hija Marisa Zammit u f'idejha din kellha l-umbrella. Sa dak il-ħin ma setgħux jaqbdu art xejn, kien qisu komplott fuq din l-umbrella. L-għada, il-Ħamis, ic-chief security ma kienx xogħol u m'għamlu xejn fuq dan il-każ. Reġgħu iltaqgħu l-Ġimgħa biex inkunu jistgħu jibagħtu għalihom u jkellmuhom biex jifhmu x'kien qed jiġri. Huma bagħtu għal dawn it-tliet nisa separatament. Huma saqsewhom x'jafu, x'inhu jiġri, kif ġara, kif hemm tliet min-nies involuti fuq umbrella waħda li ħarġet minn kamra waħda għax ma setgħux jifhmu. L-ewwel persuna kienet Charmaine. Ix-xhud qalet li damet ħafna tistaqsiha u Ms. Scicluna Muxi bdiet tgħidilha li ma taf b'xejn u wara ħafna drabi li saqsietha ammettiet li l-umbrella sabitha f'kamra u qaltilha kif ġraw l-affarijiet, li Josephine kemm sabet it-trolley fil-kuritur u niżżlitulha għax Charmaine kienet qed tagħmel PDR Appraisal. Ix-xhud qalet li saqsiet lil Charmaine għal xiex meta ċemplitilha Deborah ma qabditx u qaltilha li ħadet jew sabet l-umbrella u li se tirritornaha u kollox kien jispiċċa hemm. Charmaine qalet li beżgħet għax ħaditha u li bdiet tibża' għal xogħolha, u beżgħet li tiġi fl-inkwiet. X'ħin qalet lil Charmaine li raw kollox fuq ic-CCTV ammettiet u bdiet tgħidilha kollox x'ġara. Qabel kienet qiegħda tinnega. Charmaine qaltilha li kien kollu tort tagħha u li t-tnejn l-oħra m'għandhomx x'jaqsmu. Imbagħad għajtet lil Marisa li daħlet imbeżża' u imwerwra għall-meeting. Marisa qaltilha li se taqbad u tgħid kollox x'ġara u x'ma ġarax. Ix-xhud qalet li Marisa qaltilha li l-umbrella qiegħda għandha, li dak inhar li kienu sejrin fiċ-changing room hi u Deborah Pace, Charmaine marret fuqhom u qaltilhom triduha din l-umbrella? Deborah Pace qaltilha le u Marisa qaltilha li jekk ma tridhiex, tehodha hi. Marisa qalet li dakinhar kienu għadhom ġejjin mill-office ta' Sabrina u li kienu tqassmu l-*lost and found.* Marisa assumiet li kienet xi ħaġa li kienet diġa qiegħda llogjata għax wara tliet xhur ituhom lil min isibhom. Marisa ħasbet li Charmaine l-umbrella ma tridiex. Ms. Mifsud qalet li l-oġġetti misjuba li mhumiex ta' valur jittieħdu lura wara tliet xhur u jingħataw lil min ikun sabhom u jekk l-oġġett ikun ta' valur, jinżamm għal sena. Ms. Mifsud qalet li biex tagħti l-benefiċċju tad-dubju lix-xhud veru li dakinhar kumbinazzjoni tqassmu l-affarijiet tax-xhur ta' qabel. Ix-xhud qalet li skont Marisa Charmaine ċemplet lil Marisa u qaltilha ara ma tgħidx xi ħaġa b'din l-umbrella, ara ma tgħidx li qiegħda għandek, ara ma tirritornahhiex għax jien għidtilhom li ma sibtiex. Marisa ċemplet lil ħuha biex jiġi bl-umbrella u siegħa u nofs wara ġie biha. Wara li kellmu lil Marisa Ms. Mifsud u Joanne Bartolo tal-HR iltaqgħu ma' Charmaine u ħarġulha ittra fejn infurmawha li *she is suspended on full pay, until further investigation*. Qabel ma ħadu d-deċiżjoni, ċemplu lil Annika li hi d-Director of HR u ikkonsultaw magħha. It-Tnejn iltaqgħu Sabrina u Annika u ddiskutew il-każ. Annika iltaqgħet ma' Jason u Joanne li qalulha kif marru l-affarijiet u x'intqal u x'ma ntqalx. It-Tlieta baghtu għal Charmaine u iltaqghu magħha. Annika bdiet issaqsiha għalfejn għamlet hekk lil Charmaine u għal xiex, u Charmaine hafna drabi qaltilha li jiddispjaċiha, li żbaljat, li ma kelliex teħodha, u li ma kelliex tagħmel hekk.

Annika Galea, Direttur tal-HR fi ħdan il-kumpannija xehdet illi kienet ilha ħames snin u xahar mal-kumpannija. Qalet li fuq dan il-każ ġiet involuta l-Ġimgħa meta kienet bil-*leave*. Bażikament kienet taf

diġa matul il-ġimgħa li kien hemm xi ħaġa fuq din l-umbrella imma semgħet li ma setgħux isibuha u li l-*guest* għamel complaint li ma setax isib l-umbrella. Il-Ġimgħa ċemplitilha Joanna Bartolo u spjegatilha l-każ u peress li ma kinitx fl-uffiċċju dak il-ħin ippreferiet li avolja qalulha l-fatti fuq it-telephone, tistenna sat-Tnejn meta tkun l-uffiċċju hi ħalli tara l-evidenza qabel ma jagħmlu xi ħaġa. Qalet lil Rowena Bartolo biex toħroġ ittra lil Charmaine ta' *suspension* sakemm hi tirritorna fl-uffiċċju. Is-Sibt u l-Ħadd ma sar xejn fuq dan il-każ imbagħad it-Tnejn kellha ġurnata sħiħa *meetings* biex tara l-evidenza, tifhem x'ġara, tara c-CCTV, tkellmet ma' Jason u ma' Joanna u fehmet il-fatti. Wara li għamlu dan hi tkellmet ma' Charmaine u ssetjat il-*meeting* magħha biex tifhem għalfejn għamlet hekk. Charmaine mill-ewwel ammettiet li ħadet l-umbrella. Żiedet tgħid li ħasbet li l-umbrella kienet ta' grupp u ħassitha fil-liberta' li teħodha. Lil Charmaine spjegatilha li każ ta' serq jeħduh bis-serjeta' ħafna, u rrelevanti l-valur. Ix-xhud qalet li ħassitha redikola tittermina lil xi ħadd a bażi fuq serq ta' umbrella, pero huwa prinċipju fi ħdan il-Kumpannija. Ħasset ukoll li kellha żżomm il-konsistenza ma' oħrajn fil-passat fejn persuna seraq anki tips ta' €2 u tkeċċa. Hi xehdet li bħala prinċipju l-kumpannija ma tistax tittollera dan it-tip ta' atteġjament u allura kienu ddeċidew li jitterminawha. Ix-xhud qalet li lil Charmaine tawha l-*letter of termination* u kienet eskortata barra mil-lukanda. Il-valur tal-umbrella forsi kien ta' €20 - €25 pero irrelevanti għax id-deċiżjoni ittieħdet a bażi ta' prinċipju u mhux ta' valur. Xehdet ukoll li l-proċedura tal-*lost and found* qiegħda fil-*policies*. Fil-meeting li kienet preżenti hi, Charmaine ammettiet li ħadet l-umbrella u qalet li r-raġuni għalfejn ħaditha kien għax ħasbet li l-umbrella hija tal-grupp. Ms. Galea xehdet li c-CCTV ratu u fl-ebda ħin ma rat lil Charmaine b'din l-umbrella f'idejha pero` l-umbrella ratha fit-trolley tal-kollega. Rat lil persuna tinżel b'żewġ trolleys, tidħol fil-kamra taċ-changing rooms, toħroġ lura b'trolley wieħed li ma kellux l-umbrelel u mbagħad rat lil kollega l-ohra (Josephine) ħierġa bl-umbrella li tatha Charmaine.

Marisa Zammit xehdet li ilha disa' (9) snin taħdem mal-Kumpanija Hilton bhala *Room Attendant*. Xehdet li Ms. Muxi taħdem bħalha, bħala *Room Attendant* u kienu jaħdmu l-istess shifts. Dwar il-każ xehdet li t-Tlieta fl-4.30 niżlet normali mis-sular fejn taħdem bil-karta u ċ-ċwievet fl-uffiċċju. Kien hemm il-*lost and found* li kienu jtuhom wara ċertu żmien. Kien hemm xi ħaġa għaliha, ġabritha u marret tbiddel fil-locker. Wara ftit ħin dahlet Charmaine u qalet min irid din l-umbrella? Kien hemm kollega tagħha l-ewwel qaltilha le ma rridiex, u peress li hi ratha ġdida qaltilha neħodha u marret id-dar. Ix-xhud qalet li ħaditha għax mingħaliha li dik l-umbrella kienet mil-*lost and found* peress li dakinhar ħareġ il-*lost and found*. L-għada hi kienet *off* u ċemplitilha d-dar Charmaine u qaltilha li ċemplulha mix-xogħol u li l-*guest* irid l-umbrella. Ix-xhud qalet li qaltilha x'inhu? Wara sitt xhur, issa jridha l-umbrella l-*guest*? Dan kien xokk għaliha u għidtilha li l-umbrella m'għandiex x'tambiha u li se tirritornaha x-xogħol la l-*guest* iridha pero` hi insistiet li l-umbrella żżommha għax hi kienet qaltilhom li ma sabet xejn. Ix-xhud qalet li baqgħet tinsisti ħafna għax hi ma kelliex x'tambieha la riedha l-*guest* u l-konversazzjoni waqfet hemm. Il-Ħamis kienet xogħol normali u ħadd ma kellimha. Il-Ġimgħa għajtulha xil-10 ta' filgħodu mis-Security u mill-Human Resources u riedu spjegazzjoni wara li kienu raw il-cameras. Ix-xhud qalet li qalitlhom li l-umbrella qiegħda għandha. Qalulha li jriduha lura u li qaltilhom li mhux problema ġġibha lura u rritornat l-umbrella lura x-xogħol. Fil-fatt ċemplet id-dar u l-umbrella ġie biha ħuha. Ix-xhud qalet li kellmuha Jason mis-security, Joanne mill-HR u Sabrina il-Manager tal-Housekeeping ukoll. L-istatement li ppreżentat ix-xhud qaliltha biex tiktbu l-Housekeeping Manager, Sabrina Mifsud u kitbitu weħidha d-dar. Hi xehdet li assumiet li din l-umbrella kienet tal-*lost and found*.

Joanna Bartolo, Human Resources Executive xehdet li ilha taħdem mal-kumpannija tmien snin. Kien il-Ġimgħa u daħlu għall-meeting hi, is-security manager u l-executive housekeeper. Xehdet li saret taf bil-każ minn Annika (l-HR Director) peress li kienet ser tidħol għal meeting minflokha l-Ġimgħa. Ms. Bartolo xehdet li daħlu u kellmu lil Charmaine. Waqt dan il-meeting, Sabrina (l-Executive House Keeper) ħadet il-lead ta' din il-konversazzjoni u saqsiet lil Charmaine jekk kinitx qatt rat l-umbrella u Charmaine qalet li qatt ma rat din l-umbrella. Sabrina baqgħet tinsisti ma' Charmaine u anki ġibditilha l-attenzjoni biex ovvjament tgħid il-verita'. Sabrina wkoll semmitilha li huma kienu raw l-covers tac-CCTV. Sabrina qaltilha wkoll li hemm żewġ impjegati oħra nvoluti u li qed jipperikolaw ix-xogħol tagħhom. Wara xi nofs siegħa Charmaine ammettiet li kienet rat u ħadet l-umbrella. Charmaine ammettiet li l-umbrella tatha lil kollega tagħha Marisa. Ix-xhud qalet li lil Marisa kellimuha ukoll dakinhar f'dak il-*meeting*. Wara li Charmaine ammettiet qalulha biex tistenna fl-uffiċċju tal-House Keeping Department u kellimu lil kollega oħra, Josephine Attard u anki lil Marisa Zammit, jiġifieri semgħu tliet verżjonijiet. L-umbrella kienet għand Marisa. Mill-ewwel ammettiet li l-umbrella qiegħda għandha. Li ġara hu li fid-*day off* tagħha irċeviet telefonata mingħand Charmaine biex ma tgħid xejn fuq din l-umbrella. Marisa qaltilhom li kif saret taf minn fejn ġiet l-umbrella għandha, mill-ewwel qaltilhom li ħa ġġib l-umbrella lura. Fil-fatt l-umbrella mill-ewwel ġiet lura għax ċemplet lil familjari tagħha u xi ħadd minnhom ġabha lura. Wara li semgħu t-tliet impjegati, peress li Annika (l-HR Director) ma kinitx xogħol dakinhar, ċemplulha biex iddiskutew dawn l-affarijiet magħha, u hi flimkien ma' Sabrina ħarġu s-*suspension letter* ta' Charmaine.

Jason Bartolo xehed li l-kariga tiegħu mal-kumpannija hija ta' Assistant Security Manager u li preżentament kien Acting Security Manager minħabba li rtira s-Security Manager. Xehed li meta ġara l-każ, bħalma jiġri dejjem, ġew fuqu biex jaraw ic-CCTV coverage biex ikunu jistgħu jiskopru xi ħaġa fuq li ġara. Fuq ic-CCTV kienu raw li meta ħarġu mis-*service lift* li jinżlu minnu wara x-xogħol, dehret kollega ta' Charmaine nieżla b'żewġ trolleys u f'trolley minnhom kien hemm imdendla umbrella mat-trolley. Hemmhekk issuspettaw li kienet l-umbrella in kwistjoni. Din baqgħet sejra ġoċ-changing rooms b'dawn iż-żewġ trolleys. Fuq ic-CCTV dehret li baqgħet sejra fiċ-changing rooms il-kollega tagħha, imbagħad wara li daħlu l-kumplament tal-istaff fiċ-changing rooms, dehru ħerġin xi nies biex imorru lejn id-dar u l-umbrella dehret f'idejn Marisa Zammit. Xehed li fiċ-changing rooms m'hemmx CCTV. Minn hemm 'il quddiem imbagħad sejħu lin-nies l-uffiċċju, kemm lil Charmaine, lil Marisa u lil Josephine u hu kien preżenti waqt dan il-meeting. L-ewwel sejħu lil Josephine li qaltilhom li t-trolley kien ta' Charmaine u niżżlitulha hi għax Charmaine kellha PDR (Personal Development Review) mas-supervisor tagħha Debbie. Josephine niżlet b'żewġ trolleys u daħlet fiċ-changing room. Minn hemm saru jafu li Charmaine ma kelliex użu għall-umbrella u offrietha lil min ried biex jeħodha miegħu. Dan qalitu Charmaine stess meta kellmuha u qaltilhom li ħaditha Marisa Zammit. Meta sejħu lil Marisa fl-uffiċċju qaltilhom l-affarijiet kif ġraw u qaltilhom li ma kinitx taf li l-umbrella kienet għadha kif ittieħdet dik il-ġurnata stess; u li ħasbitha li kienet oġġett tal-*lost and found.* Meta għajtu lil Charmaine u saqsewha għal xiex ħaditha qalet li ħasbitha tal-grupp.

Ir-rikorrenti xehdet li kienet taħdem il-Hilton għal għaxar snin. Lanqas *warning* wieħed ma kellha, pero kellha każ riċenti u baqgħu bit-tikketta bejnietna u skont hi dan il-każ għamluhulha personali. Hi kienet taħdem Housekeeping fil-kmamar. Xehdet li fil-ġurnata tax-xogħol tagħha fit-8.15am kienu jidħlu għall-karti u għaċ-ċwievet u jitilgħu fis-sections tagħna jnaddfu l-kmamar. Fil-karti kienu jitfgħuhom f'section

per eżempju mill-1 sat-10, u l-kmamar jagħmluhom x'ħin jibdew joħorġu l-*guests*. F'dan il-każ lilha kienu tefgħuha f'section li ma kinitx tagħha allura n-nies ma kintitx tafhom, pero' jumejn qabel kien hemm grupp li bdew ħerġin ftit ftit. Dakinhar kienet f'level 3. Filgħodu qabel ma jiġbru l-karti u ċ-ċwievet, ituhom t-trolleys u jibqgħu telgħin fuq. Imbagħad filgħaxija jniżżlu t-trolley u jerġgħu jtuhom iċ-ċwievet bil-karta b'kollox. Jumejn qabel kellhom grupp kbir li kważi ħa l-lukanda kollha. Il-grupp beda jitlaq ftit ftit. Il-grupp peress li jiġu fil-lukanda joffrulhom xi *gifts*; daqqa umbrelel, t-shirts u xugamani u f'dan il-każ kienet umbrella u ġieli kienu jtuhom l-*go ahead* biex li jsibu fil-kamra tagħhom iniżżluhom u neħduhom. Sa s-security jkun jaf bihom u f'dan il-każ hekk ġara. Hi kellha l-ewwel shift filgħodu u fit-8am ġabret il-karta u ċ-ċwievet u t-trolley u telgħet fis-section li mhix tas-soltu tagħha. Dik is-section kienet kollha mimlija bil-grupp. Meta waslet il-kamra li kellha tidħol tagħmel, daħlet f'departure li ma kienx hemm il-*guest*. Kienet kamra vojta, vakanti. Daħlet tnnaddafha u fil-pront rat umbrella li hi qalet li innoċentament ħasbet li hi tal-grupp u tefatha fit-trolley fil-wiċċ fejn tidher. Kif lestiet is-shift tagħha marret tgħin lil Josephine f'section oħra għax lestiet mill-kmamar tagħha. Fil-pront ġiet is-senior Deborah u qaliltha ejja ħa nagħmlu l-PDR u kellha titlaq l-affarijiet tiegħha, bit-trolley b'kollox ma' ġenb din Josephine biex tmur taghmel il-PDR. Wara li lestew l-PDR reġgħet niżlet fis-section ta' Josephine u ma sabitx it-trolley hemm. Ms. Scicluna Muxi xehdet li assumiet li sħabha niżżlulha kollox għax is-soltu hekk jagħmlu, jieħdu ħsieb ta' xulxin. Hi niżlet fiċ-changing room għax kienet taf li s-soltu jerħuwulna fiċ-changing room. Josephine qaltilha erfajtulek sakemm tinżel u ħaditu. L-ewwel kollega li sabet, Marisa Zammit, qaltilha li sabet dik l-umbrella tal-grupp, għax hekk kien mingħaliha u mhux b'intenzjoni ħażina u saqsietha tridiex. Marisa qaltilha iva tajba ħafna għal ommi għal quddies u qaltilha mela tihielha. Ir-rikorrenti qalet li lilha qed jakkużawha b'serq mentri b'serq hi ma ħaditiex, offrietha lil Marisa Zammit, hi aċċettatha u hi tatielha. Fil-fatt l-umbrella ħarġitha Marisa. L-għada ċemplitilha s-senior Deborah u saqsietha jekk sabitx xi umbrella ta' xi *guest* u minħabba li ħasbitha tal-grupp qaltilha le. Ir-rikorrenti xehdet li kienet ilha għaxar snin taħdem hemm u timxi mar-regoli tal-lukanda għaxar snin sħaħ, jiġifieri hi għamlitha b'innoċenza kollha pero' r-regoli tal-*lost and found* li jsibu ġol-kmamar jnniżluhom isfel u mbagħad wara tliet xhur suppost ituhomlhom, imma f'dan il-każ ġieli lanqas ituhomlhom. Xi d-9am għajtulha tar-resources fil-kamra tas-securities. Hi xehdet li dak il-ħin ixxukjat ruhha u qalet li ġara xi ħaġa żgur. Xehdet li akkużawha b'serq u ma riedu jafu b'xejn, ma ridux jismgħuha. Iddeċidew li jtuha tlett ijiem sospiża u ftehmu li jċemplulha l-għada. L-għada ċemplulha u ddeċidew li jkeċċuha. Ir-rikorrenti insistiet li bdew jakkużawha b'serq mentri mhux hekk kien il-każ għax hi ma setgħetx tisraqha meta l-kamra kienet vakanti għax il-*guest* kien ġa telaq. Hi xehdet li bejnha u bejn Marisa ma kienx hemm kuntatt wara u ma tiftakarx li kien hemm xi diskors. Hi qalet li ħasset li keċċewha għax qabel kien hemm ċertu tikketta minħabba li s-sajf ta' qabel kien hemm bejn Sabrina u hi għax riduhom inaddfu l-madum għarkubbtejhom minn barra sa ġewwa jogħrku l-fili u hi għax tkellmet għad-drittijiet tagħha huma ma aċċettawx u riedu jagħmlulha vendetta fuq din il-biċċa xogħol. Meta akkużawha b'serq u hi ppruvat tispjegalhom għal xejn, ma ħallewiex iġġib rappreżentant tal-union. Hi qalet li ċemplet lil Kevin pero` ma tiftakarx eżatt x'qalli għax kienet taħt xokk dak il-ħin. Wara li ġiet akkużata ma ttieħdu l-ebda proċeduri u qalulha li ġiet imkeċċija.

Kevin Camilleri, rappreżentant tal-Union xehed li kien qiegħed l-uffiċċju u ġiet Charmaine Muxi għandu u qaltlu li kienu keċċewha mill-impjieg. Hu xehed li baqa skantat għax normalment fil-ftehim kollettiv il-kumpanija fejn tidħol proċedura ta' dixxiplina li għandha taghmel hu li toħroġ charge lil Charmaine, tavża

lilu bic-charge mbagħad ikun hemm iċ-ċans ta' reply. Jekk ma jaqblux isir Board u mbagħad minn hemmhekk jittieħdu d-deċiżjonijiet. Imma prattikament f'dan il-każ il-kumpanija kienet diġa' tterminat lil Charmaine. Dak il-ħin li marret Charmaine għandu ċempel lill-HR tal-Kumpannija u tkellem ma' Annika Galea. Ftehmu li jiltaqgħu u ddiskutew l-każ għand l-HR fejn kien hemm ukoll is-security u il-House Keeper. Dan kollu ġara wara li Charmaine ġiet imkeċċija. Is-Sur Camilleri xehed li dan biss kien l-involviment tiegħu fil-każ ta' Charmaine. Wara din il-laqgħa ma kienx hemm żviluppi ġodda. Il-kumpannija kompliet bid-deċiżjoni tagħha ta' tkeċċija. Ma kien hemm xejn aktar. Ix-xhud qal li ma jafx jekk kienx hemm xi skop wara d-deċiżjoni imma jaf żgur li dawn bdew jakkużaw lil Charmaine li kienet serqet. Fir-realta' anki hu beda jgħidilhom li dan mhux serq ghax fil-fatt mhux hi ħarġet l-affarijiet mil-lukanda. Jistgħu jakkużawha fuq ksur ta' proċedura, li ma mxietx mal-proċedura tal-*lost and found*. Il-kumpannija bdew jgħidu immaġina li kien djamant flok umbrella. F'dan il-każ hu ma kellux involviment ieħor ma' Charmaine jiġifieri ma kinitx ħaddiema problematika. Xi żmien ilu kellhom każ wieħed fejn il-kumpannija kienet tat xi struzzjonijiet li jingħorku bl-idejn il-fili tat-terrazzin tal-kumpanija u li hemmhekk kien hemm l-oġġezzjoni minn naħa tal-Union. Hemmhekk kienet involuta Charmaine għax hi kienet qed toġġezzjona. Il-ftehim kollettiv li hu għandu jiġi nfurmat fuq tkeċċija joħroġ mill-proċedura ta' dixxiplina. Kull impjegat anki li mhux membru tiegħu suppost jiġi nfurmat għax il-ftehim kollettiv ma jagħmilx differenza bejn dak li hu membru u dak li mhux. Hemm proċedura ta' dixxiplina li jridu jimxu magħha.

Ir-rikorrenti in kontro eżami xehdet li taqbel li fil-Hilton hemm proċedura dwar proprjeta ta' *guests* li tinstab fil-kmamar u li l-proċedura hi li l-affarijiet li jsibu jniżżluhom *lost and found*, imma f'dak il-każ ma kinitx. F'dak il-każ kienu tawhom l-*go ahead* li jistgħu joħorġuhom minn isfel, mill-House Keeping. Huma xandruha li tawhom l-*go ahead* li jistgħu joħorġuha. Hi ma kinitx taf min kienu li tawhom l-*go ahead* mill-House Keeping. Ma kien hemm xejn bil-miktub pero xandruha li jekk isibu xi umbrella ta' grupp jistgħu jeħduha. Hi offrietha lil Marisa Zammit u hi qaltilha tajba għal ommha. Fil-każ ta' grupp, meta xi ħadd mill-grupp ikun nesa xi ħaġa warajh fil-kamra bħal per eż xi flokk, xi basket żgħir, il-House Keeping iridu jagħtuhom l-*go ahead* u l-oġġett jistgħu jeħduh. Hemm differenza bejn umbrella ta' grupp u umbrella ta' *guest*. Umbrella ta' *guest* tinżel *lost and found*; oġġett ta' grupp ituhom l-go ahead li jistgħu jeħduh. Grupp jiġifieri ikun xi tour, jew ikunu ġew għal xi meetings ġol-lukanda stess. Kumbinazzjoni dak il-grupp kien grupp kbir li ħadu l-lukanda kollha. Wara li daħlet minn jumejn leave, kienet sabet is-section tagħha magħluqa u tefgħuha ġo section tal-grupp. Ix-xhud qalet li l-umbrella ħaditha Marisa Zammit u anke fis-CCTV jidher min ħariġha għax hi ma ħarġet xejn. Terġa meta ħarġet hi, is-security iċċekjaha u ma sabilha xejn għax kieku sabilha ma kienx iħalliha tmur id-dar ovvjament. Hi ma gidbitx u lanqas biss tawha ċans titkellem u ċans ġġib rappreżentant tal-union.

Kevin Camilleri spjega li l-grupp li qed jitkellmu fuqu huwa grupp li jmur b'mod regolari għax għandu kuntratt mal-kumpannija. Fil-meeting li kellu mal-kumpannija wara li tkeċċiet Charmaine ħareġ biċ-ċar li l-affarijiet li jħalli dan il-grupp ma kienx l-ewwel darba li l-istaff jieħdu l-affarijiet li jkollhom fosthom l-umbrella għax waħda mill-ikoni tagħhom kienet l-umbrella bir-riklam. Prattikament il-grupp kien tal-Fly Emirates. Bħala fatt ġiet iddikjarata li din l-umbrella ma kinitx tal-grupp.

**SINTEŻI TAT-TRATTAZZJONI**

Dr Andrew Borg Cardona għall-kumpannija qal li t-Tribunal għandu jara jekk *employer* raġonevoli b'dawk il-fatti quddiemu kellux jasal għal konklużjoni li wasal għaliha l-employer partikolari. Il-kumpannija ssottomettiet li f'cirkostanzi fejn impjegata minħabba n-natura tax-xogħol tagħha bilfors trid tkun fdata biex tidħol fil-kmamar tan-nies, fejn il-kumpanija jkollha allogjati il-*guests* u fejn ikollhom proprjeta' tagħhom, l-*employer* irid ikollu fiduċja assoluta illi l-impjegati kollha tiegħu ma jagħmlux azzjonijiet li jxejnu jew inaqqsu l-fiduċja li l-*guest*s għandhom ikollhom fil-lukanda. Fiċ-cirkostanzi li t-Tribunal għandu quddiemu, l-appellanti, minflok għamlet użu mill-proċedura tal-*lost and found*, hi qed tgħid illi dan għax sa fejn kienet taf hi, l-proprjeta' ma kinitx suppost tgħaddi minn dik il-proċedura. Mhux hekk biss, minflok meta ġiet mistoqsija għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara u spjegat lilha nfisha, jirriżulta mix-xhieda li kien hemm element ta' tul ta' ħin meta l-impjegata u sħabha ġew ikkonfrontati b'dak li ġara, jew kien hemm investigazzjoni għaddejja. L-appellanti mill-mod kif ġabet ruħha dejjem qisha pruvat titfa' l-ħtija fuq ħaddieħor. Hawn mhux qegħdin fil-kriminal, serq jew mhux serq, pussess mingħajr awtorizzazzjoni, hi x'inhi l-kwistjoni, hawn għandna każ fejn l-appellanti ma qagħditx għall-proċedura li suppost addotatat għal kull bicca proprjeta' tal-*guests* li tinstab ġo kamra wara li l-*guest* jitlaq. Il-proprjeta' li ħadet kellha tgħaddi minn gol-*lost and found*. Il-mod kif ġabet ruħha l-appellanti tat ġustifikazzjoni fiż-żmien li tittieħed id-deċiżjoni fil-konfront tagħha illi l-employer jitlef il-fiduċja fiha u l-employer ma tilifx il-fiduċja sempliċiment għax tilef il-fiduċja. Kif kulħadd jaf dik ir-raġuni hija eskluża minn waħda mir-raġunijiet biex tkeċċi bniedem ħlief f'każ jew ta' impjegati domestiċi d-dar li mhux il-każ jew meta dak li jkun jagħti lok li l-employer jitlef il-fiduċja u hawn nissottomettu, illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-aġir tal-impjegata taha lok li din il-fiduċja titkisser u f'dawn iċ-ċirkostanzi l-employer ma jistax jinsab *at fault* li ttermina l-impjieg. Fiċ-cirkostanzi l-employer ma jistax jittollera dan it-tip ta' mġieba.

Dr Abigail Critien ghar-rikorrenti ssottomettiet illi d-deċiżjoni li jrid jieħu dan it-Tribunal hu jekk fil-ħin propizju kienx hemm ġustifikazzjoni għat-tkeċċija tar-rikorrenti jew le. Huma jikkontendu li ma kienx hemm din il-bażi legali fuq żewġ fatturi - Biex is-socjeta' intimata tkeċċi lil impjegata tagħha, kellha ssegwi dak li jistabbilixxi l-ftehim kollettiv, kif spjega tajjeb Kevin Camilleri waqt ix-xhieda tiegħu. Il-proċeduri tal-ftehim kollettiv ma ġewx osservati bl-ebda mod. Is-soċjeta' intimata ma setgħetx tkeċċiha *at that point in time* qabel ma tkellem ir-rappreżentant tal-union, ħaġa li ma seħħitx u li tirriżulta mill-provi. Apparti minn hekk is-socjeta' intimata keċċiet lil Charmaine Muxi a bażi ta' serq. Fil-mument propizju s-soċjeta' kellha a dispożizzjoni tagħha l-*footage*, kellha fil-pussess tagħha wkoll ix-xhieda u n-nies li kienu direttament involuti. Is-soċjeta' għażlet li teskludi kompletament kollox, tara illi ma jimpurtahiex mill-*footage* li Charmaine Muxi filfatt ma serqet xejn. Hawn ħarġet bl-aktar mod ampju li ma ħarġet xejn mil-lukanda u tkeċċiet a bażi ta' serq. Ir-rikorrenti kienet sinċiera mill-bidu sal-aħħar u qalet li hi taf x'inhi l-proċedura tal-*lost and found* u li hi m'applikatiex għax ħasbitha tal-grupp u filfatt kien hawn xhieda li kkonfermaw illi dawn il-kmamar partikolari kienu għadhom kif joħorġu minnhom tal-grupp. Kif tista' tiġġustifika s-socjeta' illi m'hemmx kredibilita u m’hemmx iktar fiduċja fir-rikorrenti meta fis-snin kollha li għamlet impjegata tagħhom anqas biss qatt kellha *warning* wieħed? Ir-rikorrenti kienet

imkeċċija *there and then, on the spot*, a bażi ta' serq, liema serq issostni li ma seħħx. Il-ftehim kollettiv huwa ċar u ma ġiex operat u għalhekk qed jikkontendu illi Charmaine Muxi ġiet imkeċċija inġustament u m'hemmx raġuni valida għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha.

Dr Andrew Borg Cardona sostna li l-impjegata ingħatat kull opportunita' li tiddefendi ruħha. Sta għall-impjegat li jikkonsulta ruħu ma min irid u mhux mal-union biss

Dr Abigail Critien sostniet illi l-proċedura ai termini tal-ftehim kollettiv hi li int ma tistax titlobni biex jien niġi niddefendi ruħi meta int diġa ħadt id-deċiżjoni u int lili diġa keċċejtni. Ir-rikorrenti qed tikkontendi li meta filfatt ittieħdet id-deċiżjoni il-ftehim kollettiv ma ġiex operat. Inutli li wara li diġa' tkeċċiet jgħidulha li jridu jisimgħuha. Il-union lanqas biss kienet avżata bit-terminazzjoni tal-impjieg.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Dan il-każ jirrigwardja allegat tkeċċija ingusta b'allegat ksur tal-proċedura tal-ftehim kollettiv. Il-ftehim kollettiv ġie eżaminat mit-Tribunal li jagħmel referenza għall-klawsola 19 tal-ftehim kollettiv li ġie esebit fuq ordni tat-Tribunal. Il-ftehim kollettiv jispjega fid-dettall il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każijiet ta' dixxiplina. Mill-provi jirriżulta li għalkemm il-kumpannija segwiet in parti il-proċedura tal-ftehim kollettiv, u cjoe` li ingħatat sospensjoni *on full pay* hekk kif inhu stipulat fi Klawsola 19 (d) tal-ftehim kollettiv, liema klawsola tapplika f'każijiet ta' offiżi gravi, u f'dan il-każ minħabba li l-impjegata ġiet akkużata b'serq hija din il-klawsola li tapplika, l-istess proċedura ma ġietx segwita fl-intier tagħha. It-Tribunal jinnota li għalkemm ħarġet ittra lir-rikorrenti fejn ġiet mgħarrfa li ser tiġi sospiża ma jidhirx li nħarġet ittra bl-akkuża formali. Huwa prinċipju ta' ġustizzja naturali illi impjegat għandu jiġi eżattament mgħarraf bin-natura tal-akkuża li qegħda tinġieb kontrih sabiex dan ikun f'pożizzjoni illi jiddefendi ruħu. Fl-ittra imsemmija m'hemmx indikazzjoni għan-natura tal-offiża pero` kien hemm biss referenza għall-inċident li ġara. Jirriżulta ukoll mill-provi, liema fatt ma ġiex ikkontestat mill-kumpannija, illi l-union ġiet involuta fil-każ biss meta r-rikorrenti tkeċċiet u dan għaliex kienet ir-rikorrenti nnifisha li marret għand il-union. Il-ftehim kollettiv huwa ċar li f'kull każ ta' dixxiplina għandha tiġi nvoluta l-union u l-ebda deċiżjoni dwar tkeċċija ommeno m'għandha tittieħed jekk mhux b'konsultazzjoni mal-istess union. Klawsola 19 (f) tal-ftehim kollettiv tgħid li *'A full investigation will immediately be carried out in the event that an employee is involved in any of the offences referred to in Article 19 (d). If the Company, in consultation with the Union representative, is satisfied that the employee is guilty of such misconduct, the employee may be dismissed instantly.'* Għaldaqstant huwa ċar li f'dan il-każ il-kumpannija ma segwietx il-proċedura ta' dixxiplina hekk kif inhi stipulata fil-ftehim kollettiv bir-riżultat li r-rikorrenti ma ingħatatx l-opportunita' li tiddefendi ruħha b'mod illi jkun hemm smiegħ ġust u xieraq.

**DEĊIŻJONI**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-każ, it-Tribunal qiegħed jiddikjara li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet waħda inġusta li timmerita kumpens. It-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li tiġi re-integrata f'xogħolha.

**KUMPENS**

Wara li ra l-provvedimenti tal-Artikolu 81 (2) a) tal-Kap. 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti għall-ammont ta' elf ewro (€1,000) liema ammont għandu jitħallas fi żmien xahar mil-lum.

**DRITTIJIET**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmat)**

**Dr Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**